



Brussell, 7 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8734/1/19
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0161(COD)

CODEC 989
PI 74
COMPET 358
PHARM 22
IA 139

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 469/2009 dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-28 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Settembru 2018².
3. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 9485/18.

² ĠU C 440, 6.12.2018, p. 100.

³ 8442/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 52/19, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bid-Danimarka, Malta, l-Iżvezja u r-Renju Unit li jivvutaw kontra u bl-Awstrija u ċ-Ċekja li jastjenu;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
